



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Messaġġ 037

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2023) 3364

Direttiva (UE) 2015/1535

Notifika: 2023/0675/IT

Analiżi tal-kompetittività

MSG: 20233364.MT

1. MSG 037 IND 2023 0675 IT MT 04-12-2023 01-12-2023 COM COMMCOPPF. 04-12-2023

Dan il-messaġġ jirrigwarda l-abbozzi ta' regoli tekniċi futuri li intom se tkunu ressaqtu għal notifika fil-qafas tal-proċedura stabbilita mid-Direttiva (UE) 2015/1535.

B'konformità mal-aħħar aġġornament tal-Kummissjoni dwar il-politika industrijali tal-10 ta' Ottubru 2012(1) li skontu: "... In-natura preventiva (tal-)proċedura (stabbilita mid-Direttiva 98/34) evitat għadd kbir ta' kontravvenzjonijiet tar-regoli dwar il-moviment liberu tal-prodotti. Madankollu, din il-proċedura ta' notifika tista' tintuża wkoll, biex ittejjeb il-leġiżlazzjoni nazzjonali b'konformità mal-prinċipji ta' "Regolazzjoni Mtejba" u permezz ta' valutazzjoni komparattiva. Il-potenzjal tagħha jista' jiġi sfruttat iktar billi l-Istati Membri jiġu rrakkomandati biex jużaw l-ittejtjar tal-kompetittività fil-kuntest tal-valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt", fl-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2013(2) li skontu: "Il-Kummissjoni se tisfrutta aktar il-potenzjal tal-proċedura 98/34 bħala strument għall-politika industrijali u bħala gwida għall-prijoritajiet leġiżlattivi futuri tal-UE, partikolarment biex ttejjeg lill-Istati Membri jintroduċu l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-ittejtjar tal-kompetittività fl-istadju tal-abbozzar tal-proċessi leġiżlattivi nazzjonali tagħhom", kif ukoll dak li ġie mħabbar fl-Istati Membri waqt l-aħħar Kumitat 98/34 li sar fit-22 ta' April 2013; il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jwettqu analiżi tal-kompetittività tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali notifikati fil-qafas tal-proċedura stabbilita mid-Direttiva (UE) 2015/1535.

Bħala indikazzjoni, il-link li jmiss tagħtik l-aċċess għall-"Gwida Operattiva dwar l-Analiżi tal-Kompetittività":
http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/comp_proofing/SEC.2012.91-Comp_Proofing_MT.pdf

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni-Industrija Ewropea Aktar B'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku-Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali-COM(2012) 582 final.

(2) L-Opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija dwar "Ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà"(2013/2006(INI)).

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu